**4 ta' Frar, 1958.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alfredo Delia

*versus*

Bonaventura Schembri et.

**Spoll — Passaġġ — Pussess — Intervent fil-Kawża — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 572 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 794 u 795 tal-Proċedura Ċivili.**

*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' ħaġa mobili jew immobili, li tiġi vjolentement jew okkultament meħuda minn għand il-possessur jew detentur; u ġie deċiż kemm il-darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi-pussess tad-drittijiet reali; u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata jikkompixxi u jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma setgħax jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji, u għall-"action spollii" l-ispoljant ma jistgħax jirrispondi, "in difesa", li dak li għamel kien att leġittimu; għaliex l-indaġini tal-leġittimità jew le hija riżervata lill-ġudizzju petitorju.*

*Imma mill-banda l-oħra, l-azzjonanti jrid jipprova l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni tal-ħaġa mobili jew immobili, skond il-każ, il-fatt spoljattiv, u fl-aħħarnett id-deduzzjoni tal-azzjoni fi żmien xahrejn. Jekk l-azzjoni ma tiġix dedotta f'dan iż-żmien, l-azzjoni tippermani, però l-attur jitlef il-vantaġġi u l-privileġġi kontemplati mill-liġi, u l-konvenut ikun jista' jġib il-quddiem kwalunkwe xorta ta' eċċezzjoni, anki dawk li ma humiex merament dilatorji.*

*L-intervenjent fil-kawża, a differenza tal-kjamat fil-kawża, mhuwiex kunsidrat bħala konvenut; u jekk ma jkunx hemm regolament dwar l-ispejjeż tiegħu magħmul mill-Qorti, huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li ppremetta illi huwa jipposjedi b'enfitewsi perpetwa l-

fond tal-Gvern Ċivili f'San Pawl il-Baħar, kuntrada "tat-Trunċiera", sive "ta' Ġelja" jew "fuq il-Għajn", tal-kejl ta' ċirka 40 tomna, *illi minn żmien immemorabbli għandu* passaġġ minn fuq rampa tal-istess Gvern Ċivili li tgħaddi minn fuq biċċa art li l-konvenut, b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Victor Miller tad-9 ta' Novembru 1955, xtara minn għand *il-Gvern Ċivili; u illi f'dawn il-ġranet* il-konvenut għalaq dan il-passaġġ u laqa' lill-attur milli jgħaddi minnu, u b'dan il-mod ikkommetta spoll vjolent, u qiegħed jimpedixxi lill-attur milli jagħmel użu minnu u jindokra ħwejġu; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat ineħħi kwalunkwe *ostakolu għall-imsemmi passaġġ* u *jir*-restitwixxi kollox fl-istat pristinu. *Bl-ispejjeż;*

*Omissis;*

Rat ir-rikors tal-Onorevoli Dominic Mintoff nomine tas-6 ta' Awissu 1956, li minnu jidher li l-Gvern Ċivili talab li jiġi ammess fil-kawża, "in statu et terminis", u d-digriet ta' din il-Qorti tad-9 ta' Awissu 1956, fejn jidher li t-talba tal-istess Onor. Mintoff ġiet milqugħa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jidher li l-attur qiegħed jeżerċita kontra l-konvenut l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess, li hija bażata mhux tant fuq il-prinċipju ta' ġustizzja assoluta, kemm fuq l-eżiġenzi ta' utilità soċjali;

*Illi l-liġi tagħna tikkontempla l-protezzjoni tad-dritt* esperit fl-azzjoni ntentata fid-dispożizzjoni 572 tal-Kodiċi Ċivili; liema azzjoni għandha tiġi kunsidrata fid-dawl ta' dak li jingħad fl-art. 794 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-artikolu tal-Kodiċi Ċivili fuq ċitat iservi biex jipproteġi l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni ta' ħaġa mobili jew immobili, li tiġi vjolentement jew okkultament meħuda minn għand il-possessur jew detentur; u ġie deċiż kemm il-darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi-pussess tad-drittijiet reali, u hija inerenti għall-

fatt ta' min b'awtorità privata jikkompixxi u jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma setgħax jeżerċitah u jeżerċieh mingħajr l-intervent tal-Qrati. F'azzjoni ta' din in-natura mhumiex ammissibbli ħlief l-eċċezzjonijiet dilatorji, u għall-"actio spolii" l-ispoljant ma jistgħax jirrispondi "in difesa" li dak li għamel kien att leġittimu; l-għaliex l-indaġini tal-leġittimità jew le hija riżervata lill-ġudizzju petitorju;

Mill-banda l-oħra, l-azzjonanti jrid jipprova l-pussess, ikun x'ikun, jew id-detenzjoni tal-ħaġa mobili jew immobili, skond il-każ, il-fatt spoljattiv, u fl-aħħarnett id-deduzzjoni tal-azzjoni fi żmien xahrejn; l-għaliex, jekk ma jiddeduċix fiż-żmien imsemmi, għalkemm l-azzjoni tippermani, l-attur però jitlef il-vantaġġi u privileġi kontemplati fl-art. 795 tal-Kap. 15, u l-konvenut ikun jista' jġib il-quddiem kwalunkwe xorta ta' eċċezzjoni, anki dawk li ma jkunux merament dilatorji;

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dak li fuq ġie premess, jingħad li, qabel ma l-konvenut bil-kuntratt tad-9 ta' Novembru 1955 (fol. 7 tal-proċess) ħa b'xiri l-art hemm imsemmija minn għand il-Gvern Ċivili. l-attur, xi tliet snin qabel, kien ħa b'ċens minn għand il-Markiż Scicluna xi 40 tomna art denominata "tat-Trunċiera", sive "ta' Ġelja" jew "fuq il-Għajn", indikata fuq il-pjanta ta' Malta bħala "tal-Fjuri" (ara pjanta fol. 28), u fuq il-kuċċata tagħha bena fuq parti tal-art villa żgħira. u l-kumplament tal-art issullokaha għax-xogħol. Tant l-attur kemm il-familja tiegħu. kif ukoll il-gabillott tiegħu. li kien joqgħod ma' missieru, li kellu mqabbla għandu l-istess art. biex ikollhom aċċess rispettivament għall-villa u artijiet imqabbla. kienu jgħaddu mill-passaġġ markat fuq il-pjanta fol. 27 tal-proċess bl-ittra "B", li huwa ta' qagħda semiċirkolari, l-għaliex jibda fejn ir-rampa roċċjuża tagħmel ma' St. Paul's Street. tratt roċċjuż ta' proprjetà tal-Gvern, jibqa' tiela. mbgħad jilwi għan-naħħa tax-xellug għall-parti markata fuq l-istess pjanta bil-kulur aħmar (il-lum proprjetà tal-konvenut. imma li meta beda jużaha l-attur, u qablu l-gabillot tiegħu u missier l-istess gabillott, kienet proprjetà tal-Gvern Ċivili), u minn hemm,

meta jasal fil-pont Dhanna, fejn tieħu qagħada ta' beżżula, jerġa jibqa' nieżel biex jitla' kif traċċjat fuq dik l-istess pjanta. L-attur, bejn it-tratt ta' dan il-passaġġ fejn l-istess jagħmel mat-trieq, u qabel ma jidħol fil-parti li qegħedha l-lum għand il-konvenut, kien baqqan xi turġien, li mbgħad kesa bil-concrete. Meta l-attur ġie jaf li l-konvenut kien qiegħed jikkuntratta mal-Gvern Ċivili biex jieħu l-art li fil-fatt wara ħa, huwa ddiffida lill-Gvern, u saħansitra għamillu kawża, li l-attur tilef l-għaliex it-talba tiegħu ġiet dikjarata intempestiva. Il-konvenut jippretenda li l-passaġġ regolari għall-villa u artijiet tal-attur kienu dawk indikati bl-ittra"C" kulurita bl-isfar, imma din il-Qorti u l-perit, waqt l-aċċess li sar, ikkonstataw il-fatt li l-passaġġ "C" huwa verament ripidu u malaġevoli ħafna għall-bniedem bil-bhima warajh, mentri, peress li l-passaġġ "B" jikser fiżikament ir-ripidità tar-rampa li teżisti, huwa relattivament aktar faċli u prattikabbli, u l-paragun taż-żewġ passaġġi dwar id-differenzi fl-inklinazzjonijiet li jeżistu jidher ċar mis-sezzjoni lonġitudinali magħmula mill-perit ġudizzjarju maħtur mill-Qorti fil-pjanta fol. 27 fl-estremità tal-lemin tagħha. Il-passaġġ publiku l-ieħor, li jinsab taħt ir-rieħ tal-Villa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni tara b'għajnejha, huwa kompost minn superfiċi ta' ġebel kbir ta' forma irregolari, maħlul u mprattikabbli, u fil-punt "D" imiss ma' Wied Bufula, u minn hemm huwa tafli. Fil-15 ta' Diċembru 1955, jew dik l-epoka, il-konvenut tellgħa l-ħajt markat bl-ittra "A" linji ħomor, u l-attur mexxa l-quddiem il-kawża odjerna fit-23 ta' Diċembru 1955;

Ikkunsidrat;

Illi l-fond tal-konvenut, li kien jappartjeni lill-beni patrimonjali tal-Gvern Ċivili, seta' però kien, bħala ħaġa korporali, kapaċi ta' pussess jew kważi-pussess ta' meru fatt jew detenzjoni ta' privat kontra privat ieħor, u f'dan is-sens il-kważi-pussess tal-attur huwa pussess tutelabbli, l-għaliex il-liġi tittutela kwalunkwe xorta ta' pussess, anki jekk ikun vizzjuż, biex tevita r-rikors għall-eżekuzzjoni tal-eżerċizzju tal-awtorità privata bla intervent tal-Qorti. Fil-petitoriu, mbgħad il-konvenut jew kwalunkwe nteressat ieħor ikun jista' jipprova li l-pussess tal-attur ma huwiex leġittimu, sabiex jipproteġi l-libertà tal-fond;

Illi l-eċċezzjonijiet, tant tal-konvenut, kemm tal-Gvern, li daħal "in statu et terminis" fil-kawża, huma pjuttost ta' natura tali li ma jistgħux jissejħu dilatorji, li huma l-uniċi eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw fl-"actio spolii";

Illi kwindi, in vista tal-fatt meru materjali biss li l-attur kien qiegħed jagħmel użu mill-passaġġ imsemmi, l-azzjoni attriċi hija sostenibbli;

Illi r-riżerva ta' provvediment fuq it-talba tal-konvenut, kontenuta fil-verbal tal-21 ta' April 1956, il-lum, li l-Gvern ġie ammess "in statu et terminis", m'hemmx aktar lokha;

Illi, dwar l-ispejjeż tal-intervenjenti fil-kawża, jingħad li l-Gvern oppona ruħu għat-talba, kif kellu dritt jagħmel. Skond l-art. 960 u 961 tal-Kap. 15, il-kjamat in kawża huwa kunsidrat bħala konvenut, u bħal dan l-aħħar jista' jiġi mwaħħal fl-ispejjeż tal-kawża, mentri l-intervenjenti mhux kunsidrat tali, u jekk ma jkunx hemm regolament dwar l-ispejjeż tiegħu magħmul mill-Qorti, huwa għandu jbati l-ispejjeż tiegħu;

Għalhekk;

Taqta' u tiddeċidi billi tikkundanna lill-konvenut jirreintegra lill-attur, billi jneħħi l-ostako'u li għamel fi żmien tliet ijiem, bl-ispejjeż tal-kawża kontra tiegħu, barra minn dawk tal-intervenjenti "in statu et terminis"; u tirriżervalu kwalunkwe azzjoni għad-dritt tiegħu fis-sedi petitorja.